# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba Birkirkara

Il-Parroċċa tagħna ta' Birkirkara mhix imżejna biss bill-Kolleġjata Bażilika, iżda għandha ġawrha ta' Santwarju ddedikat lill-Madonna tal-Ħerba. Dan is-Santwarju kien minn dejjem għall-qalb tal-Karkariżi li raw kif għamlu biex ikabbruh, iżejnuh u jxerdu l-qima lejn il-Madonna.

Il-Knisja tal-Ħerba kienet ġa mwaqqfa qabel is-sena 1615. Dan nafuh miż-żjara Pastorali f'Birkirkara li kien għamel l-Isqof Cagliares fl-1615 fejn isemmi lill-Knisja tal-Ħerba. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-knisja tal-Ħerba kienet għall-qima ta' Tlugħ fis-Sema tal-Madonna , ħafna nies kienu jżuruha, u fiha kien isir ħafna quddies.

Fl-1668 l-Isqof Bueno kiteb li fuq ix-xellug tal-Knisja hemm il-kappella l-qadima msejħa ta' Santa Marija tal-Ħerba. Isemmi wkoll li t-Titular tal-knisja issa kien it-Twelid tal-Madonna.

Mnejn ġie dan l-isem tal-Ħerba? Hemm min jaħseb li l-knisja ġiet mibnija f'post imħarbat jew fejn kien hemm ħerba. Oħrajn iżommu li jista' jkun li l-ewwel knisja kienet ġiet imħarbta u saret ħerba, u wara bnewha mill-ġdid u żammet l-isem tal-Ħerba.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ħerba kibret wara ġrajja tassew straordinarja ta' fejqan ta' raġel mifluġ. Jingħad li raġel mifluġ, imwieżen fuq il-krozzi, kien għaddej qrib il-knisja



tal-Ħerba, u sema' t-tokki tal-qanpiena tal-knisja. Staqsa lin-nies fejn kienet issir il-quddiesa, u meta qalulu fil-knisja tal-Ħerba telaq lejn il-knisja. Kif daħla il-knisja ħassu jieħu saħħtu, il-krozzi waqgħulu minn taħt spallejh u seta' jimxi qawwi u sħiħ. Tistgħu taħsbu x'ferħ ħass. Bid-dmugħ f'għajnejh niżel għarkobbtejh quddiem il-Madonna jirringrazzjaha tal-fejqan.

Din l-aħbar xterdet ma' Malta kollha u n-nies bdiet tiġi bi ħġara minn kull raħal ta' Malta biex tagħti qima lill-Madonna. Is-Santwarju sar żgħir wisq biex jilqa' lil dawk in-nies kollha .

*ikompli f'paġna 74*

Beda jinħass il-bżonn li titkabbar il-knisja, u s-Santwarju baqa' dejjem jikber fid-daqs u fil-ġmiel.

Fl-1912, Ernesto Pace ta' b'xejn l-art li kienet tinħtieġ biex il-knisja titkabbar. Fit-8 ta' Marzu 1923, l-imgħallem Karm Sammut beda x-xogħol biex titkabbar il-knisja li minn korsija issa saret għamla ta' salib bil-ħitan tal-knisja l-qadima bħala korsija, u hekk naraw is-Santwarju kif inhu llum.

Issa nagħtu daqqa ta' għajn lis-santwarju. Malli titla z-zuntier tara portiku bl-istatwa ħelwa ħafna ta' Marija SS. Fuq il-bieb tal-Knisja ssib Kurċifiss.. Din hija ħaġa rari jekk mhux unika. Fuq il-għadba hemm irħama bi kliem bil-latin li bil-Malti jfisser "Inti u dieħel f'dan it-Tempju. ftakar li l-Mulej qaddsu u Marija dan it-tempju ħatritu għaliha". Din l-irħama saret mir-Rev.mmu Prof. Carmelo Bonnici, li kien Prepostu tal-Kolleġjata ta' Birkirkara.

Malli tidħol ġol-knisja tara l-artal il-ġdid u l-qadim u l-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba. Fil-korsija hemm żewġ bibien, wieħed fuq ix-xellug u ieħor fuq il-lemin. Minn dak tax-xellug tidħol ġo kamra msejħa l-oratorju. Fiha nsibu n-niċċa ta' San Ġużepp, statwa ta' Santa Vittorja Martri, Kurċifiss devot ħafna, u niċċa oħra bl-Ecce Homo. Insibu ukoll kwadri ta' San Ġuda Taddew, San Lwiġi Gonzaga u Santa Tereża. Dawn l-istatwi għadhom kif ġew restawrati mis-Sur Emmanuel Muscat. In-niċeċ tnaddfu mis-Sur Emmanuel Sammut u l-mara tiegħu, Marija, li ħadet ħsieb tħit il-libsa ta' Santa Vittorja peress li l-antika kienet spiċċat għal kollox.

Fil-korsija, fuq il-lemin, insibu statwa ta' San Espedito Martri. Ftit 'l fuq min-niċċa ta' dan il-qaddis insibu bieb li jagħti għall-kappella l-qadima, kappella tassew sabiħa mżejna bi skultura mill-aqwa. Din il-Kappella twaqqfet fis-sena 1774..Fiha nsibu il-kwadru l-qadim tal-Madonna tal-Ħerba, li qiegħed fuq artal ta' l-irħam. Peress li ħafna mid-devoti kienu jixgħelu ħafna xemgħa quddiem il-kwadru tal-Madonna, l-iskultura ta' din il-kappella tħammġet u mtliet b'ħafna nugrufun. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li titnaddaf, u llum wieħed jista' japprezza u jgawdi l-ġmiel ta' skultura li fiha, maħduma b'reqqa liema bħala. Kull minn jaraha jfaħħarha u jsejħilha kapulavur.

Fil-kursija naraw żewġ lapidi ta' l-irħam imwaħlin fil-ħajt. Dik tax-xellug iġġib l-arma tal-Papa Piju VI u tgħid li l-Papa żejjen lil din il-knisja, magħrufa fid-djoċesi għall-kotra tan-nies li jiġu jżuruha b'favuri u grazzji ġodda. Għalhekk, kull qassis jew patri kull darba li jqaddes quddiesa fl-artal tagħha taħt l-isem tat-Twelid ta' l-Imqaddsa Marija Bla Tebgħa għar-ruħ ta' xi nisrani kif ukoll bħala suffraġju, tintrebaħ l-indulġenza. Dan il-privileġġ li jibqa' jiswa għaż-żminijiet li għad iridu jiġu ingħata Fit-30 ta' Lulju 1776.

L-Irħama l-oħra ta' fuq il-lemin tgħidilna li l-Illmu Rmu. Fr. Vincenzo

*ikompli f'paġna 76*

Labini, Isqof ta' Malta, ikkonsagra lis-Santwarju f'ċerimonja solenni fit-23 ta' Marzu, 1785.

Meta naslu ħdejn il-Presbiterju nosservaw artal ta' l-irħam ġdid, għamla ta' mejda li sar mill-benefattur Kan. Karm Pirotta, u x-xogħol sar mill-marmista s-sur Ronnie Pisani. Ta' min jinnota li qabel ma sar dan l-artal, kien hemm l-artal il-qadim li llum insibuh taħt l-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba. Dan l-artal, li ġie ttrasportat fil-kor, fih it-Tabernaklu.

Fil-Kor insibu l-Kwadru tal-Madonna tal-Ħerba. Dan sar 1668-1679. Fih naraw il-Madonna b'Ġesù Bambin fi ħdanha. Madwar il-Madonna naraw sħab u anġli u taħt il-Madonna nsibu l-erwieħ tal-Purgatorju jħarsu 'l fuq jitolbu lil Madonna teħlishom mit-tbatija tagħhom. Fil-ġnub tal-kwadru naraw, fuq ix-xellug, l-Anġlu Kustodju jwieżen tarbija minn rasha, it-tnejn iħarsu lejn il-Madonna. Fil-lemin naraw lil San Ġwann il-Battista bil-bandiera f'idu, u ħaruf ħdejn riġlejh. Fuq ras il-Madonna u fuq ras Ġesù naraw il-kuruni tad-deheb li bihom kien inkurunat il-kwadru fis-7 ta' Awissu 1910. Madwar il-Madonna naraw ukoll stilel tad-deheb.

Dan l-kwadru mhux l-ewwel wieħed li sar, infatti hemm ieħor eqdem minnu li nsibuh fil-kappella l-qadima. Fih insibu lil San Ġużepp minflok l-Anġlu Kustodju. Dan il-kwadru l-qadim sar mill-flus tal-Kav. De Pierre. Dan jixhdu mhux biss l-arma tal-familja, iżda ukoll



ix-xbieha ta' dan il-kavallier, b'idejh marbutin fuq sidru jħares lejn il-Madonna.

Dawn il-kwadri juru l-qima u l-imħabba ta' xi Gran Mastri u Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Is-saqaf tal-knisja, kif ukoll il-koppla, huma mżejna bil-pittura tant sabiħa li saret mill-Prof. Gius Briffa, karkariż. Din saret wara l-gwerra bejn 1947-1955, fuq l-inizzjattiva tal-Prepostu Emmle. Vella, li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-knisja.

X'qiegħed isir presentament fis-Santwarju?

Ilu jinħass il-bżonn li s-Santwarju jiġi mnaddaf minn tant duħħan tax-

*ikompli f'paġna 79*

xemgħa. Il-ħruq ta' ħafna xemgħa li jinxtegħlu mid-devoti għamel ħafna ħsara, u ħammeġ iż-żebgħa u l-pittura. Għalhekk qiegħed isir xoghol ta' tindif tal-pittura, żebgħa u pilastri ta' l-irħam. Il-koppla diġa' lesta, imnaddfa u miżbugħa. Inbiddlu t-twieqi tal-lanterna tal-koppla, kif ukoll dawk tal-koppla stess li kienu kollha msadda u l-ħġieġ imkisser.

Il-pilastri qegħdin jiġu miksija bl-irħam. Hemm 28 pilastru x'isiru iżda għandi l-pjaċir ngħid li l-ispejjez ta' 25 pilastru diġa' nġabru mill-benefatturi u ta' dan nirringrazzja lil dawk kollha li taw l-offerta tagħhom. Il-Madonna żgur tħallshom kif taf hi. Nispera li meta tkunu qed taqraw dan l-artikolu l-irħam ikun kollu f'postu.

Wara li lestejna t-tindif tal-pittura ser inkomplu bil-ġnub tas-Santwarju. L-ispejjez huma kbar, u s'issa qed jitħallsu mill-fondi li għandha l-knisja li dalwaqt jispiċċaw. Jiena fiduċjuż li n-nies devoti ta' Madonna tal-Ħerba mhux ser iħalluni waħdi, u kif dejjem għinuni nispera li jibqgħu ħalli jkolli minn fejn inħallas l-ispejjez. Is-Santwarju hu mogħni b'ħafna kwadri tal-wegħdi. Dawn qegħdin jitnaddfu ħalli meta jkunu lesti nsibulhom post fl-Oratorju u postijiet oħra. Dan ix-xogħol ta' restawr qed isir b'attenzjoni kbira mis-Sur Anthony Sammut u Sur Gius Zammit, li offrew b'xejn is-servizzi tagħhom għal dan ix-xoghol. Il-kwadri l-oħra tas-Santwarju qed jiġu restawrati b'ħila kbira mis-Sur Emmanuel Muscat, li tant għinna bil-pariri tiegħu biex naddafna l-pittura tal-Koppla u l-kulur taż-żebgħa. Ta' min ikun jaf li s-Sur Muscat kien jgħin fix-xogħol lill-Prof. Briffa, u kien l-istess Sur Muscat li poġġa l-pittura mas-saqaf tas-Santwarju.

Għandna ħafna oġġetti antiki bħalma huma figuri tax-xemgħa u kaxxi bil-ħġieġ li għandhom bżonn restawr kbir. Għal dan ix-xogħol insibu jaħdmu l-koppja Emmle u Marija Sammut li b'paċenzja kbira qegħdin jaħdmu dan ix-xogħol b'xejn, jekk ma joħorġux il-flus mill-but.

Ix-xogħol iebes tat-tindif u żebgħa qiegħed isir mis-Sur Antonio Aquilina u s-Sur Lolly Borg. It-tnejn taw ruħhom għax-xogħol b'ħila u sogru kbir. Kienu huma li naddfu l-pittura tal-koppla, xogħol imfaħħar minn kull min rah. U xi ngħidu għax-xogħol taż-żebgħa tal-koppla minn barra?

Issa, li lest, ngħidu x'biċċa xogħol diffiċli u perikoluża daħlu għaliha. Jiena kont inkun ta' sikwit taħt il-koppla narahom jaħdmu, u ta' sikwit kont nitlob lill-Madonna tgħinhom u tħarishom.

Il-Madonna tal-Ħerba, u dawn il-ħbieb kbar u tant qlub ġenerużi, inħosshom jagħmluli kuraġġ biex inkomplu naħdmu fis-santwarju, ħalli ma ndumux ma narawh b'libsa ġdida, nadif, u ġawhra tal-parroċċa tagħna.

Kan. P. Gauci